**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Hamis 30 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 567/2019 AGV**

**AB (ID nru: 507588 M)**
**Vs**
**CDB (ID nru: 0041735A)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 20 ta' Dicembru 2019, fejn esponiet bir-rispett;**

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Settembru 2010, liema zwieg gie registrat bin-numru progressiv, elf, erba' mija w erbatax zbarra tas-sena elfejn u ghaxra (1414/2010) (Dok A), u minn daz-zwieg ma kienx hemm tfal;
2. Illi l-partijiet huma legalment separati b' kuntratt ippublikat min Nutar Dr. Francesca Schwalbe tat- 3 ta' Dicembru 2014 (Dok B);
3. Illi l-partijiet ilhom aktar minn hames snin jghixu hajja separata;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghadhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi mhux dovut ebda hlas ta' manteniment;
6. Illi dal-fatti hawn imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk joghgobha huwa jinforma lid-direttur tar-registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji, biex dan id-digriet tad-divorzju, jigi registrat fir-registru pubbliku.

**Rat ir-risposta ta' CDB datata 29 ta' Jannar 2020 fejn esponiet bir-rispett;**

Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet izzewwgu nhar l- 4 ta' Settembru tas-sena 2010 u li minn daz-zwieg ma tweldux tfal;

Illi l-esponenti tikkonferma ukoll illi l-partijiet sseperaw legalment b' kuntratt redatt minn Nutar Francesca Shwalbe nhar it- 3 ta' Dicembru 2014;

Illi l-esponenti tilkkonfema illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli illi l-partjiet jistghu jirrikonciljaw;

Illi ghalhekk l-esponenti tirrileva illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' it-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promutur.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet.

Rat li r-rekwiziti tal-ligi ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti.

Rat, ghalhekk, li l-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat għal ġurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**